

IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2016**tad-9 ta' Diċembru 2020****li jemenda l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013 fir-rigward tal-entrati għar-Renju Unit, Guernsey, Isle of Man u Jersey****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali applikabbli għall-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi għal ġo Stat Membru. B'mod partikolari, l-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament jipprevedi li l-Kummissjoni jeħtieġ tadotta żewġ listi ta' territorji u pajjiżi terzi, li minnhom l-annimali domestiċi elenkati fil-Parti A tal-Anness tiegħu, prinċipalment klieb, qtates u inmsa, jistgħu jiġu mċaqaqqa għal finijiet mhux kummerċjali għal ġo Stat Membru.
- (2) Il-kundizzjonijiet applikabbli għall-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi għal ġo Stat Membru, ivarjaw skont is-sitwazzjoni tat-territorju jew tal-pajjiż terz ta' oriġini. Meta titqies is-sitwazzjoni partikolari tagħhom, il-pajjiżi terzi jew it-territorji jistgħu jiġu elenkati f'konformità mal-Artikolu 13(1) jew (2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.
- (3) Il-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 ⁽²⁾ tistabbilixxi l-lista ta' territorji u pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.
- (4) Fid-dawl tat-tmien tal-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-Ftehim dwar il-ħruġ) fil-31 ta' Diċembru 2020, ir-Renju Unit ippreżenta applikazzjoni lill-Kummissjoni biex flimkien mad-Dipendenzi tal-Kuruna ta' Guernsey, Isle of Man u Jersey, jiġi elenkat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013. Il-Kummissjoni vvalutat dik l-applikazzjoni u vverifikat li fir-rigward tal-annimali domestiċi elenkati fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 576/2013, ir-Renju Unit, kif ukoll id-Dipendenzi tal-Kuruna ta' Guernsey, Isle of Man u Jersey, jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013, u jenħtieġ li jiġu elenkati fil-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013 skont dan, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, f'konformità mal-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.
- (5) Għalhekk, il-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) Peress li l-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2021.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

⁽¹⁾ ĠU L 178, 28.6.2013, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 tat-28 ta' Ġunju 2013 dwar id-dokumenti tal-identifikazzjoni tal-mudell għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa, l-istabbiliment ta' listi ta' territorji u pajjiżi terzi u l-format, it-tqassim u r-rekwiżiti lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet li jiċertifikaw il-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 109).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 hija sostitwita bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

"PARTI 2

Lista tat-territorji u tal-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

Kodiċi ISO	Territorju jew pajjiż terzi	Territorji inklużi
AC	Il-Ġżira ta' Ascension	
AE	L-Emirati Għarab Magħquda	
AG	Antigua u Barbuda	
AR	L-Arġentina	
AU	L-Awstralja	
AW	Aruba	
BA	Il-Bożnija-Herzegovina	
BB	Barbados	
BH	Il-Bahrain	
BM	Il-Bermuda	
BQ	Bonaire, Sint Eustatius u Saba (il-Gżejjer BES)	
BY	Il-Belarusija	
CA	Il-Kanada	
CL	Iċ-Ċili	
CW	Curaçao	
FJ	Fiġi	
FK	Il-Gżejjer Falkland	
GB	Ir-Renju Unit (*)	
GG	Guernsey	
HK	Hong Kong	
IM	Isle of Man	
JM	Il-Ġamajka	
JP	Il-Ġappun	
JE	Jersey	
KN	Saint Kitts u Nevis	
KY	Il-Gżejjer Cayman	
LC	Saint Lucia	
MS	Montserrat	
MK	Il-Maċedonja ta' Fuq	
MU	Mauritius	
MX	Il-Messiku	
MY	Il-Malasja	
NC	New Caledonia	

NZ	New Zealand	
PF	Il-Polineżja Franċiża	
PM	Saint Pierre u Miquelon	
RU	Ir-Russja	
SG	Singapore	
SH	Saint Helena	
SX	Sint Maarten	
TT	Trinidad u Tobago	
TW	It-Tajwan	
US	L-Istati Uniti tal-Amerka	AS – is-Samoa Amerikana ĠU – Guam MP – il-Gżejjer Mariana tat-Tramuntana PR – Puerto Rico VI – il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti
VC	Saint Vincent u l-Grenadini	
VG	Il-Gżejjer Verġni Brittaniċi	
VU	Vanuatu	
WF	Wallis u Futuna	

(*) Fkonformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludix l-Irlanda ta' Fuq.”